**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' April, 2016

Rikors Nru : 153/15 AL

**A B**

**-vs-**

**Avukat Dr Noel Bartolo u l-PL Katrina Zammit Cuomo b'digriet tal-5 ta' Mejju, 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti S B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi hija zzewwget lill-intimat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, l-Belt, Valletta, **nhar is-sittax (16) ta' Jannar, tas-sena elfejn u tnejn (2002)**; (Certifikat hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A');
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erbat it-tfal;
3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Familja, datata l-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), (vera kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A1');

4. **Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn ir-rikorrenti u l-intimat;**
5. Illi ghaddew ferm oltre minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali bejn il-partijiet u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi **ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet A B u S B;**
7. **Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha Camilleri;**
8. Illi l-intimat huwa assenti minn dawn il-Gzejjer;
9. **Illi ghalhekk kontestwalment ma dan ir-rikors qed jigi ntavolat ukoll rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezenaw lill-intimat;**

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg tar-rikorrenti **A B ma S B** registrat gewwa r-Registru taz-Zwigijiet gol-Belt Valletta **hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi**;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati;
2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Mejju, 2015;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha fis-sens illi ma ghandha l-ebda indirizz, jew numru cellulari, jew mezz ta' kommunikazzjoni ta' kwalsiasi tip mal-assenti S B;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Camilleri u l-Qorti qeghda tilqa t-talba tar-rikorrenti f'dan is-sens;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Dicembru 2008;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Camilleri, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet; b'dan illi provizorjament ir-rikorrenti ghandha thallas l-ispejjez kollha konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati.